MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Rikors Numru. 7/2012

**Carmelo Vella**
**(ID 346239M)**
**Vs**
**Anthony Muscat**
**(ID 814431M)**

Illum 25 ta’ April 2013

Il-Bord

Ra ir-rikors ippresentat fit 23 ta’ Lulju 2012 fejn ir-rikorrenti stqarr is-segwenti:-

- illi huwa jikri lill-intimat l-ghalqa bhala Ta’ Wied is-Sewda, l/o Zebbug, tal-kejl ta’ cirka erba’ titmiem bil-kera ta’ hamsa u ghoxrin Euro (€25) fis-sena li taghlaq fil-15 ta’ Awissu ta’ kull sena.

- illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti a tenur tal-Artiklu 3 tal-Kap 199 sabiex jitlob kambjament fil-kundizzjoni tal-kera, ossija awment tal-qbiela li ghandu jithallas, u dana ghar-ragunijiet hawn taht imfissra

- Illi, l-esponent jemmen illi l-qbiela presenti hija baxxa wisq meta wiehed iqis il-kejl tar-raba u, minn dak li huwa nfurmat, ir-rikorrenti jemmen li l-qbiela gusta ghar-raba ghandha tkun ta' mhux anqas minn ghaxar Euro (€10) ghal kull tomna.

Ghalhekk l-esponent talab bir-rispett lill dana l-Bord sabiex joghgobha tiffissa qbiela xierqa u skond il-ligi fuq ammont mhux anqas minn erbghin Euro (€40) fis-sena jew kull ammont iehor verjuri li jidhrilha xierqa il-Bord.

Rat illi, permezz ta' risposta ippresentata fit 23 ta' Ottubru 2012, l-intimat oggezzjoni ghat-talba attrici billi stqarr illi r-rikors sar fuori termine kif ukoll illi r-rikors huwa zbaljat fis-sens illi l-art tikkonsisti f'tlett tomniet u nofs kif ukoll illi l-qbiela pagabbli sa issa hija ta' ghaxar (€10) fis-sena. Fl-ahhar nett, l-intimat oggezzjoni ghal proposta li l-qbiela titkejjel bir-rata ta' ghaxar Euro (€10).

Rat illi fis-seduta ta23 ta' Novembru 2012, il-Bord gie infurmat illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu l-kaz.

Ra l-affidavit tar-rikorrent ippresentat fit 23 ta' Jannar 2013.

Ra illi, fis-seduta tal 21 ta' Frar 2013, il-partijiet qabblu u vverbalizzaw illi 'l-qbiela gusta tar-raba ghandha tkun ta' ghaxar Euro ghal kull tomna u jaqblu wkoll li dan ghandu japplika mill 15 ta' Awissu 2013.

Ra illi l-partijiet ma qablux fuq l-ispejjez tal-kawza u ghalhekk il-Bord diferixxa l-kaz ghat 28 ta' Frar 2013 sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim.

Ra illi fit 28 ta' Frar 2013, l-intimat ippresenta nota ta' ammissjoni da parte tieghu ghal dak li jirrigwarda il-kap tal-ispejjez.

Ra illi, kond ix-xhieda tar-rikorrent, l-art ghandha kejl ta' erbat elef, mija u erbghin metru kwadru (4,140 m2), li tfisser illi jammonta ghal ftit aktar minn tlett tomniet u nofs.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra l-atti tal-process odjern,

Wara illi ha konjizzjoni tal-ftehim milhuq mill-partijiet u vverbalizzat quddiem il-Bord fil 21 ta' Frar 2013,

Wara illi ha konjizzjoni tal-ammissjoni tal-intimat dwar il-kap tal-ispejjez fit 28 ta' Frar 2013.

Filwaqt illi tichad l-eccezzjonjiet tal-intimat

**Tilqa**' t-talba attrici u tiffissa bhala qbiela xierqa ghall-ghalqa maghrufa bhala Ta' Wied is-Sewda, l/o Zebbug, tal-kejl ta' cirka erba' titmiem l-ammont ta' hamsa u tletin Euro (€35) fis-sena, pagabbli mis-sena elfejn u tlettax (2013) u li taghlaq fil-15 ta' Awissu ta' kull sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------